**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 12 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 70/1991 MM

Antonio Vella u b'digriet tas-26 ta' Novembru 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Doris mart Albert Spiteri u Yvonne mart Carmel Borg Bonaci stante l-mewt ta' l-istess fil-mori tal-kawza, Francesco Portelli u b'digriet tas-17 ta' Frar 1998 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Paul Portelli u Doris armla ta' Joseph Cucciardi minflok Francesco Portelli li miet fil-mori tal-kawza, Theresa mart John Scerri, Joseph Cutajar, u John Scerri bhala amministratur tal-beni parafrernali ta' l-imsemmija martu Theresa, kif ukoll bhala prokuratur ta' l-assenti Emanuel Cutajar, Connie Buttigieg u Alfred Cutajar

-vs-

Salvatore Vella, Theresa mart John Portelli, Frank Camilleri, Josephine mart Paul Xuereb, Suor Paola fis-seklu Josephine Vella, Dr Paul Coppini li b'digriet tal-14 ta' Mejju 1991 gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Salvatore Camilleri u b'digriet tas-26 ta' Novembru 1997 Dr Michael Grech gie nominat kuratur deputat minflok Dr Paul Coppini stante li gie elevat ghall-Magistratura, l-Avukat Dottor Michael Caruana li b'digriet ta' l-istess data gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Joseph Camilleri, Dottor Paul Coppini li b'digriet ta' l-istess data gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Paola mart Anthony Muscat u b'digriet tas-26 ta' Novembru 1997 Dr Michael Grech gie

nominat kuratur deputat flok Dottor Paul Coppini stante li gie elevat ghall-Magistratura, Dottor Michael Caruana li b'digriet ta' l-istess data gie nominat kuratur deputat biex jirrappresenta l-wirt battal tal-mejjet Peter Manicaro, Dottor Paul Coppini li b'digriet ta' l-istess gurnata gie nominat kuratur deputat biex jirrapprezenta l-wirt battal ta' Carmelo Manicaro u b'digriet tas-26 ta' Novembru 1997 Dr Michael Grech gie nominat kuratur deputat minflok Dr Paul Coppini stante li gie elevat ghall-Magistratura, Dottor Michael Caurana li b'digriet ta' l-istess jum gie nominat kuratur biex jirrapprezenta l-wirt battal ta' Francesco Manicaro, Giovanna xebba Manicaro u b'digriet tal-10 ta' April 1992 Dr Michael Caruana gie nominat kuratur deputat tal-mejta Giovanna xebba Manicaro, John Paul Manicaro, Carmen Debono, Josephine Grech u Lonza mart Paul Scerri

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-6 ta' Gunju 1991 fejn wara li ppremettew illi Illi fis-27 ta' Jananr 1969 miet Dun Salvatore Vella bin il-mejtin Francesco u Theresa nee' Borg li b'testment atti Nutar Giuseppi Cauchi tal-15 ta' Dicembru 1962 innomina f'ishma ndaqs bejniethom cioe' parti minn tmienja (1/8) kull wiehed lil 1. Assunta mart Antonio Camilleri, 2 Giovanna mart Antonio Cutajar, 3. Francesco Vella, 4. Antonio Vella 5. Salvatore Vella, 6. Carmelo Portelli, 7. Francesco Portelli u 8. Theresa mart Giovanni Scerri.

Illi l-imsemmija Assunta Camilleri mietet qabel Dun Salv fl-4 ta' Novembru 1966 u ghalhekk wirtu sehemha f'ishma ndaqs bejniethom uliedha 1. Salvu, 2. Joseph, 3. Frank, 4. Theresa mart John Portelli, 5. Lonza mart Paul Scerri, 6. Paola mart Anthony Muscat u 7. Josephine mart Paul Xuereb;

Illi l-imsemmi Carmelo Portelli miet fil-5 ta' Frar 1980 u stante li kien guvni u l-genituri tieghu mietu qablu (missieru Salvu fis-26 ta' Settembru 1964 u ommu Grazzja fis-16 ta' Jannar 1965) wirtu l-uniku huh, l-imsemmi Francis Portelli;

Illi l-imsemmi Francesco Vella miet fit-28 ta' Frar 1982 armel bla ulied u s-successjoni tieghu iddevolviet per capita fuq 1. Ommu Theresa, 2. huh Antonio Vella, 3. huh Salvatore Vella, 4. Suor Paola bint il-premort huh Pawlu, 5. ohtu Giovanna mart Antonio Cutajar, 6. ulied ohtu premorta Assunta Camilleri;

Illi l-imsemmija Giovanna Cutajar mietet fit-24 ta' Frar 1986 u wirtuha wliedha 1. Concetta Buttigieg, 2. Theresa mart Giovanni Scerri, 3. Alfred, 4. Emmanuel u 5. Joseph;

Illi l-imsemmija Theresa armla ta' Giuseppe Vella mietet fid-9 ta' Awissu 1986 u skond testment taghha tat-18 ta' Awissu 1979 innominat werrieta f'ishma ndaqs lil 1. Antonio, 2. Giovanna Cutajar, 3. Francesco u 4. Salvatore ilkoll ulied taghha u 5. Suor Paola, 6. ulied ohtha premorta Assunta Camilleri; izda stante l-premorjenza ta' l-istess Giovanna Cutajar wirtu sehemha l-hamest uliedha msemmija; u stante li anke Francesco Vella miet qabel ommu wirtu sehmu skond il-ligi 1. huh Antonio, 2. huh Salvu, 3. Suor Paola, 4. ohtu Giovanna Cutajar, 5. ulied ohtu premorta Assunta Camilleri. Kif gia nghad, sussegwentement Giovanna Cutajar ukoll mietet u sehemha wirtuh uliedha fuq imsemmija;

Illi fid-9 ta' Mejju 1918 miet intestat l-imsemmi Giuseppe Vella u wirtuh skond il-ligi uliedu Giovanna iktar tard mizzewwga lil Antonio Cutajar, Antonio, Salvatore, Pawlu, Francesco u Assunta iktar tard mizzewga Camilleri, ilkoll ahwa Vella.

Illi John Paul Manicaro miet qabel martu Ursula li mietet fil-14 ta' Marzu 1956 u wirtuhom uliedhom 1. Antonia mart Salvatore Schembri, 2. Giovanna xebba, 3. Peter, 4. Carmelo, 5. Annunziata mart Francesco Vella u 6. Francesco;

Illi sussegwentement l-imsemmija Antonia mietet u wirtuha uliedha 1. John Paul, 2. Carmen Debono u 3. Josephine Grech, Carmelo, Francesco u Peter ukoll mietu u l-wirt taghhom jinstab battal; Annunziata mietet bla ulied fil-5 ta' April 1979 u wiritha zewgha 'il fuq imsemmi Francesco Vella li miet fit-28 ta' Frar 1982 u s-successjoni tieghu iddevolviet bil-mod kif fuq inghad;

Illi bejn il-partijiet kontendenti hemm diversi beni inkomun provenjenti mill-wirt ta' l-imsemmija Dun Salvatore Vella, Annunziata Vella, Francesco Vella u l-konjugi John Paul u Ursula Manicaro;

Illi l-atturi ma jridux iktar jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti rigward il-beni kollha kif hekk posseduti in komun mill-wirtijiet fuq imsemmija;

Talbu li din il-Qorti:

1. tillikwida l-assi ereditarju ta' Dun Salvatore Vella billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. taqsam l-assi hekk likwidat billi tassenja: porzjoni ta' parti minn tmienja kull wiehed (1/8) lil Antonio Vella, Salvatore Vella, Suor Paola, ulied Giovanna Cutajar fuq imsemmija f'ishma ndaqs bejniethom, ulied Assunta Camilleri f'ishma ndaqs bejniethom, l-assi ereditarju ta' Francesco Vella u parti minn erbgha (1/4) lil Carmelo Portelli;

3. tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Giuseppe u Annunziata konjugi Vella, billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza;

4. taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lill-assi partikolari tal-mejta Annunziata Vella u l-ohra lill-assi partikolari tal-mejjet Giuseppe Vella;

5. tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Giuseppe Vella kif ukoll l-assi partikolari tal-mejta Annunziata Vella billi tiddikjara li jikkonsistu rispettivament f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u f'dawk il-beni l-ohrajn kollha, mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. taqsam l-assi partikolari tal-mejjet Giuseppe Vella f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom porzjoni kull wahda lil (i) ulied Giovanna Cutajar f'ishma ndaqs bejniethom; (ii) Antonio Vella; (iii) il-werrieta ta' Salvatore Vella u cioe' uliedu Marthese mart Carmelo Gallo, Josephine mart Lindsey Burke, Pauline mart Stephen Gill, Mary Rose xebba u George ilkoll ahwa Vella bhala nudi proprjetarji u ommhom l-armla Maria Dolores sive Dolores Vella bhala l-usufruttwardja (iv) Pawlu Vella, (v) lill-assi ereditarju ta' Francesco Vella u (vi) lil ulied il-mejta Assunta Camilleri f'ishma ndaqs bejniethom.

7. Taqsam l-assi partikolari tal-mejta Annunziata Vella f'sitt porzjonijiet ugwali u tassenjahom porzjoni kull wahda lil (i) ulied Giovanna Cutajar f'ishma ndaqs bejniethom, (ii) Antonio Vella, (iii) il-werrieta ta' Salvatore Vella kif fuq indikati, (iv) Pawlu Vella, (v) lill-assi ereditarju ta' Francesco Vella, u (vi) lil ulied il-mejta Assunta Camilleri f'ishma ndaqs bejniethom;

8. tillikwida l-assi ereditarju tal-konjugi Manicaro billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. taqsam l-assi hekk likwidat billi tassenja porzjoni ta' sest (1/6) kull wiehed lill-ulied Antonia Schembri fuq imsemmija, lil Giovanna xebba Manicaro, lill-wirt battal ta' Peter Manicaro, lill-wirt battal ta'

Carmelo Manicaro; lill-wirt battal ta' Francis Manicaro u lill-werrieta fuq imsemmija ta' Francesco Vella;

10. tillikwida l-assi ereditarju ta' l-istess Francesco Vella billi tiddikjara li jikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

11. taqsam l-assi hekk likwidat billi tassenja porzjoni ta' sest kull wiehed (1/6) lill-assi ereditarju ta' Theresa armla ta' Francis Vella, lil Salvu Vella, lil Toni Vella, lil Suor Paola, lil ulied Giovanna Cutajar imsemmija u lill-ulied Assunta Camilleri fuq imsemmija;

12. stante li l-beni m'humiex komodament divizibbli, tordna l-bejgh taghhom b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei u bin-nomina ta' perit biex jaghmel il-valutazzjoni rikjesta;

13. tordna li r-rikavat minn tali bejgh jigi diviz bejn l-atturi u l-konvenuti fil-kwoti fuq indikati ghal kull assi ereditarju kif fuq indikat li globalment ghal kull parti in kawza jigi kif indikat fid-dokumenti esebiti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji u dawk ufficcjali li kopji taghhom jigu esebiti u bl-ingunzjoni minn issa stess tal-konvenuti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr Paul Coppini nomine fejn eccepixxa

1. illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni ta' Salvatore Vella fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ma jopponix ruhu ghat-talbiet attrici, purche' li l-ewwel jigu verifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet u l-konsistenza ta' l-assi in divizjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Carmen Debono fejn eccepiet illi

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi ma giex citat zewgha Anthony bhala l-amministratur tal-beni parafernali taghha.

2. Fil-mertu, l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-gudizzju superjuri tal-Qorti prevja l-verifiki necessarji tal-pretensjonijiet u tad-dokumenti esebiti mill-atturi rigward id-devoluzzjonijiet allegati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Josephine Grech fejn eccepiet illi

1. Preliminarjament illi l-gudizzju mhux integru stante illi ma giex citat zewgha Lawrence bhala l-amministratur tal-beni parafernali taghha.

2. Fil-mertu, l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-gudizzju superjuri tal-Qorti prevja il-verifiki necessarji tal-pretensjonijiet u tad-dokumenti esebiti mill-atturi rigward id-devoluzzjonijiet allegati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr Michael Caruana nomine fejn eccepixxa

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi.

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-digriet taghha ta' l-10 ta' April 1992 fejn innominat lil Dr Alfred Grech bhala perit legali assistit mit-tekniku l-perit AIC Saviour Micallef.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr Alfred Grechipprezentata fit-18 ta' April 1994 u mahlufa fit-30 ta' Gunju 1994.

Rat ir-relazzjoni tat-tekniku AIC Saviour Micallef ipprezentata fit-22 ta' Jannar 1996 u mahlufa fis-17 ta' Dicembru 1999.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri pprezentata fit-3 ta' Marzu 1997 u mahlufa fil-11 ta' Dicembru 1997.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tat-tekniku fuq imsemmi pprezentata fil-25 ta' April 1997 u mahlufa fis-17 ta' Ottubru 1997.

Rat ukoll ir-relazzjoni ulterjuri ta' l-istess tekniku pprezentata fid-198 ta' Ottubru 1998 u mahlufa fl-4 ta' Dicembru 1998.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija bazata principalment fuq provi dokumentarji ta' certa kumplikazzjoni illi jaghmluha mhux facli ghal din il-Qorti biex tipprova tasal ghall-kwoti rispettivi tad-diversi partijiet li hemm involuti f'din l-istanza.

Il-Qorti ghalhekk bil-fors trid taghmel referenza ghar-relazzjonijiet peritali kemm dawk legali kif ukoll teknici sabiex tasal ghall-konkluzzjoni dwar id-divizjoni in beni f'din il-kawza.

Din ic-citazzjoni tirrigwarda d-divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Dun Salv Vella li miet fis-27 ta' Jannar 1969. Il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-konjugi John Paul u Ursola Manicaro, din ta' l-ahhar mietet fl-14 ta' Marzu 1956, izda baqa' ma ngabx certifikat jew kopja ta' l-att tal-mewt ta' John Paul Manicaro. Il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-wirt ta' Francesco Vella li miet fit-28 ta' Frar 1982. L-atturi qeghdin jghidu illi l-beni m'humiex komodament divizibbli u ghalhekk talbu l-bejgh bil-licitazzjoni bl-ammissjoni tal-oblaturi estranei u n-nomina ta' perit biex jaghmel il-valutazzjonijiet rikjesti.

Qabel pero' mal-Qorti tghaddi biex tiddisponi minn dawn it-talbiet jehtieg illi tikkonsidra l-eccezzjonijiet preliminari imqajmin mill-konvenuti Carmen Debono u Josephine Grech fejn dawn it-tnejn eccepew li l-gudizzju mhux integru stante illi ma gewx citati zwieghom bhala amministraturi tal-beni parafernali taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi dawn l-eccezzjonijiet preliminari m'ghandhomx fondament legali peress illi bl-emenda ta' l-Att numru XLVI ta' l-1973 gew imnehhija l-Artiklu 1389 u 1390 tal-Kodici Civili. L-artiklu precedenti, cioe' l-artiklu 1388 li ghadu fis-sehh jipprovdi li l-mara ghandha t-tregija u t-tgawdija tal-beni parafernali taghha. Kien imbaghad l-artiklu 1389 li kien jimponi fuq il-mara l-obbligu illi dina ma setghetx tidher f'kawzi dwar dawn il-beni minghajr il-kunsens tar-ragel jew fin-nuqqas ta' dan il-kunsens minghajr awtorizazzjoni tal-Qorti. Wara li dan l-artiklu gie revokat m'hemmx aktar lok illi l-mara tkun assistita minn zewgha f'gudizzju ta' divizjoni, bhalma hija f'din il-kawza, jew f'kuntratt ta' divizjoni jew trasferiment ta' proprjeta' parafernali u ghalhekk mhux il-kaz illi din l-eccezzjoni tigi milqugha.

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu rrizulta illi l-ewwel wirt li ghandu jigi likwidat u diviz huwa dak tal-konjugi John Paul Manicaro u Ursola nee' D'Alfonso. John Paul Manicaro ma nafux meta miet izda huwa stabbilit illi miet qabel martu Ursola Manicaro li mietet fl-14 ta' Marzu 1956. Il-wirt taghha waqa' fuq uliedha li mhux kollha ghadhom hajjin. Ma ngabet ebda prova dwar il-wirt tal-konjugi Manicaro ghajr dak illi hemm fid-dokument 'V39 u skond din il-lista l-beni provenjenti minn dan il-wirt huma tnejn u cioe' dar Alley 2, number 20, Triq ix-Xintill, Tarxien u (b) fond numru 2, Triq San Tumas, il-Fgura. Ursola Manicaro halliet bhala eredi universali fi kwoti ta' sesta parti kull wiehed u wahda minn sitt uliedha, Fancesco, Carmelo, Antonia mart Salvatore Schembri, Annunziata mart Francesco Vella, Peter u Giovanna xebba.

Ghall-bqija tal-valutazzjoni ta' dan il-wirt il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni peritali a fol 236 et sequitur tal-process. Dawn il-fondi ghandhom jinqasmu skond il-kwoti indikati mill-perit legali a fol 238 u 239 tal-process.

Irrizulta mir-relazzjoni tat-tekniku illi dawn il-fondi huma komodament divizibbli u fil-fatt dana pprepara pjan ta' qasma kif muri fid-dokument SM5 a fol 367. L-assenjazzjoni ukoll ghandha issir skond kif issuggerit mill-istess perit tekniku fil-paragrafi tar-relazzjoni tieghu. Ta' min jinnota illi fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ha in konsiderazzjoni l-fond numru 20, Sqaq 3, Triq ix-Xintill, Tarxien fejn iddikjarah mhux komodament divizibbli, izda dan il-fond gie inkorporat fil-pjan ta' divizjoni imsemmi minnu a fol 288. Saret l-ekwiparazzjoni u l-pjan ta' qasma kif issuggerit minnu jinkorpora l-valuri ta' dan il-fond illi m'huwiex komodament divizibbli. Il-porzjonijiet pero' ghandhom jibqghu dawk kif issuggerit mill-perit tekniku a fol 367.

It-tieni wirt illi jinteressa din ic-citazzjoni huwa dik ta' Dun Salvatore Vella, li prattikament jikkonsisti fil-fond 34 u 35 Triq il-Kuncizzjoni, il-Qala, Ghawdex, b'mandretta annessa mieghu tal-kejl superficjali ta' cirka erba' (4) sighan. L-eredi ta' Dun Salv Vella a tenur tat-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Cauchi tal-15 ta' Dicembru 1962 huma dawk imsemmija fir-relazzjoni tal-perit legali a fol 239 et sequitur tal-process.

Skond ir-relazzjoni tat-tekniku a fol 292 dan il-fond m'huwiex komodament divizibbli, gie stmat fil-valur ta' disgha u tletin elf lira Maltin (Lm39,000), filwaqt illi l-mobbli go dan il-fond gew valutati fis-somma ta' elf mitejn u hamsin lira (Lm1,250). Bil-verbal tal-10 ta' Novembru 1999 gei dikjarat mill-partijiet illi huma jaqblu illi dawn il-mobbli ghandhom jinbieghu u r-rikavat maqsum skond il-kwoti rakkommandati mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu.

Ma' dan il-fond irid jizdied ukoll il-fond numru 29, 30 u 31 ta' Triq il-Kuncizzjoni, il-Qala, Ghawdex bil-mandretta mieghu kif deskritta fir-relazzjoni tal-perit tekniku a fol 314, dan il-fond ukoll m'huwiex komodament divizibbli, gie stmat fil-valur ta' hmistax-il elf u tmien mitt lira (Lm15,800) u ghandu jinqasam skond kif suggerit mill-perit legali a fol 312.

Fl-ahharnett il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghar-rikors ta' l-atturi pprezentat fil-31 ta' Ottubru 1995 (fol 278) fejn talbu zieda fit-talbiet taghhom biex jinkludu l-wirt ta' Annunziata Vella u zewgha Giuseppe. Dawn it-talbiet gew milqugha bid-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Ottubru 1995. Fuq dan il-wirt il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni addizzjonali tal-perit legali a fol 309 fejn gew deskritti l-fondi 29, 30 u 31, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex. Dan il-fond gie dikjarat mill-perit tekniku bhala mhux komodament divizibbli u ghandu jghaddi favur l-istess partijiet imsemmija f'din il-kawza, fil-kwoti li ssuggerixxa l-perit legali a fol 312 tal-process. Dana wara li jigi prelevat il-legat ta' tlett elef lira

(Lm3,000) favur l-attur Antonio Vella u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti li jidhlu ghall-imsemmi wirt fil-kwoti ndikati mill-perit legali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li fil-waqt illi tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Josephine Grech u Carmen Debono dwar l-integrita' tal-gudizzju, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fejn b'referenza ta' l-ewwel zewg talbiet tordna li jigi likwidat il-wirt tal-mejjet Dun Salvatore Vella u diviz skond kif inghad fil-paragrafu 46 tar-relazzjoni tal-perit legali;

Tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Giuseppe u Annunziata Vella u tiddikjara li dana jikkonsisti fl-immobbli u cioe' 29, 30 u 31, Triq il-Kuncizzjoni, il-Qala, Ghawdex bil-mandretta mieghu. Dana ghandu jigi maqsum f'zewg porzjonijiet ugwali u assenjati wahda lill-assi partikolari tal-mejta Annunziata Vella u l-ohra lill-assi partikolari tal-mejjet Giuseppe Vella u tordna li dan il-wirt ta' Giuseppe Vella u martu Teresa sive Annunziata Vella ghandu jinqasam bejn il-partijiet fil-kwoti ndikati mill-perit legali f'paragrafu ghaxra (10) a fol 312 tal-process.

Ghandhom jigu milqugha wkoll it-tielet u r-raba talbiet, jigi likwidat l-assi tal-konjugi Manicaro u diviz fil-porzjonijiet kif indikati fil-paragrafi minn 39 sa 45 tar-relazzjoni tal-perit legali;

Ghandhom jigu milqugha l-hames u s-sitt talbiet u l-assi tal-mejjet Francesco Vella jigi likwidat u diviz kif inghad fil-paragrafu minn 47 sa 49 tar-relazzjoni tal-perit legali;

U s-seba' u t-tmien talbiet ghandhom jigu milqugha u l-Qorti tordna l-bejgh bis-subbasta ta' l-assi in divizjoni wara li ttiehed in konsiderazzjoni r-relazzjoni tal-perit tekniku fejn gie suggerit pjan ta' divizjoni tal-wirt tal-konjugi John Paul Manicaro u Ursola nee' D'Alfonso liema pjan ghandu jigi attwat kif suggerit mill-istess perit tekniku a fol 367 tal-process fil-kwoti ndikati mill-perit legali.

Bl-ispejjez skond ir-rispettivi kwoti.